Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 41– L-Erbgha 20 ta' Gunju 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

41.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

41.2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**41.3Kommunikazzjoni mis-Sindku**

41.3.1 Is-Sindku rrefera għall-ittri mibgħuta minn Josef Azzopardi l-owner tar-restaurant Giuseppe li jinsab fil-Każin tal-Banda fejn ilmenta dwar it-tnaqqis ta' *parking* li qed jiġi kkaġunat permezz ta' Bus Stop miżbugħa fl-art u anke eventwalment bit-twettiq tal-proġett tat-taraġ. Huwa lmenta wkoll dwar il-fatt li l-proġett ser isir matul ix-xhur tas-sajf u ser ikun ta' inkonvenjent kbir għalih minhabba t-trab u storbju li proġetti bħal dawn joħolqu. Ittra oħra f'dan ir-rigward intbgħatet mingħand il-President tal-Banda San Guzepp u lment iehor daħal mingħand is-sid tal-banka tal-lottu, lkoll jtennu l-istess ilment. Preżenti għal-laqgħa gew mistiedna Josef Azzopardi sid ir-restaurant Giuseppe, Gino Cauchi, President Banda San Giuzepp u Neville Vella sid tal-Banka tal-Lottu. Preżenti ghal-laqgħa kien hemm Josef Azzopardi u Gino Cauchi. Is-Sindku rringrazzjahom talli attendew u wera d-diżappunt tiegħu ghal mod kif inkitbet l-

ittra u għal fatt li ma kinitx l-intenzjoni tal-Kunsill li nwegghu jew intelfu lil xi ħadd iżda li nsebbħu lil lokal. Hawnhekk giet diskussa t-timeframe tal-progett li zgur li ma hix waħda li ser tintlaqa' tajjeb mat-turizmu tas-sajf u anke mal-preparamenti tal-festa tal-lokal. Rigward il-Bus Stop is-sindku rrefera għad-decizjoni meħudha mill-Kunsill li għandhom jitneħħew il-parking bays min quddiem it-tarag. Wara diskussjoni kordjali, ntlaħaq ftehim li l-progett jingħata bidu fl-ewwel gimgħat ta' Settembru u bħala Bus Stop għalissa tibqa fejn hi izda l-Kunsill ser jikkonsulta ma' Transport Malta sabiex jistħarreg aktar parkegg. Sadanittant il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jagħmel traffic management tal-Parkegg ezistenti taħt il-Kazin biex jakkomoda numru akbat ta' vetturi pparkjati. Kulħadd qabel ma' din id-decizzjoni.

41.3.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li Triq iż-Żewwieqa hija lesta u bhalissa qed isir iz-zebgħa tal-bolavostri ta' parti mit-triq bl-għajnuna ta' ħaddiema tal-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsillier Peter Caruana talab sabiex tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ministru għal Ghawdex Justyne Caruana.

41.3.3 Is-Sindku rrefera għal Kuncert tal-baritonu Għajnselmiz Charles Buttiġieġ li nzamm fil-Knisja Parrokjali nhar is-7 ta' Ġunju u għal fatt li kien success kbir.

41.3.4 Is-Sindku rrefera għal Festa Sant' Antnin f'Għajnsielem u għas-success ieħor li kisbet għal darb'ohra. Bħala Kunsill konna mistiedna għall-pontifikal u l-patrijiet laqgħuna bi ħgarhom. Is-Sindku rrefera wkoll għal xi problemi kagunati mill-gabbani tal-festa izda dawn gew solvuti wkoll.

41.3.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mal-Perit Shawn Micallef mal-ERA rigward il-Belvedere taż-Żewwieqa fejn permezz ta' ritratti ġġustfikaw li hemmhekk verament kien hemm belvedere ezistenti. Huwa spjega li ma nħargitx refusal izda allokawlna zmien ta' sitt gimgħat biex nikkonsultaw mal-ERA u nimmodifikaw il-pjanti. Ser jigu sottomessi pjanti godda skond ir-rekwiziti mitluba minnhom u nistennew l-eżitu tad-decizzjoni tagħhom.

41.3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-preżentazzjoni tat-trophies tal-kompetizzjoni tal-Snooker Għajnsielem u li bħala Kunsill konna mistednin għalija. Huwa attenda flimkien ma' xi kunsilliera.

41.3.7 Is-Sindku rrefera għad-decking taż-Żewwieqa u għal fatt li din intlaqgħet tajjeb ħafna minn min jagħmel uzu minn din il-bajja. Hu spjega kif jista jigi estiz ir-railing izda għalissa nħalluha hekk u naraw aktar 'l quddiem.

41.3.8 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi propona li għandha ssir xi haga simili għax- Xatt l-Aħmar. Huwa esprima t-tħassib tiegħu li l-unika bajja li għandu l-lokal ma ahniex ninvestu biżżejjed fiha. Huwa talab sabiex issir aktar pressjoni mill-Kunsill rigward il-problema tad-drenaġġ fix-Xatt l-Aħmar. Huwa talab ukoll

sabiex isiru signs mal-bollards li ser inpoggu fil-bajja biex ma jitħallewx klieb jigru u li jinġabar il-ħmieg tagħhom

41.3.9 Giet diskussa l-problema tal-periklu li hemm biex wieħed jaqsam mill-bajja għal ħdejn l-inħawi magħrufin Tal-Ingliżi fix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li għandna nagħmlu skalapiża temporanja.

41.3.10 Is-Sindku rrefer għall-intervista li saritlu minn Josef Cutajar dwar il-periklu ta' Triq l-Imgarr u l-ħtiega ta' speed cameras. Dwar din l-intervista gie ppublikat artiklu tajjeb ħafna.

41.3.11 Is-Sindku rrefera għar-rebħ tat-tieni premju fil-kompetizzjoni tan-NESA fejn erġajna ppartepipajna u gejna t-tieni bil-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa esprima s-sodisfazzjon tiegħu għar-rebħ ta' dan il-premju ta' €6000.

41.3.12 Is-Sindku spega kif fil-preżent qed nippreparaw applikazzjoni permezz tal-artiġjanat tal-Mosaic għall-Premju Artiġjanat 2018.

41.3.13 Is-Sindku spjega kif bħala Regjun Għawdex ser jgħaddulna xi fondi għal xi proġett li jista jintuza fil- playing fields u anke bħala drug awareness. Il-fondi ser jitqassmu bejn il-Kunsilli Lokali kollha Għawdxin.

41.3.14 Is-Sindku rrefera għall-attendenza tiegħu għall-laqgħa mal-Ministru rigward il-policy tal-Kultura 2020-2025. Huwa għamel referenza għall-intervent tiegħu rigward it-tnaqqis ta' fondi għal Bethlehem f'Għajnsielem.

41.3.15 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni tal-Arts Fund fejn għaliha konna ser napplikaw għall-mosaic li ser isir fit-tarag tal-Pjazza. Huwa spjega kif domna ma sirna nafu biha u ma konniex ser jirnexxielna nissottomettu applikazzjoni tajba u b'saħħitha u għalhekk ma kompljeniex naħdmu fuqha. Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk jistgħux jingħaqdu l-għaqdiet tal-lokal fi progetti bħal dawn u jekk hemmx xi tip ta' fondi oħra. Gie spjegat kif hemm ħafna applikazzjonijiet li huma addattati għall-NGOs.

41.3.16 Is-Sindku nforma li fil-jiem li ġejjin ser isir it-twaħħil tal-fjuri tal-mosaic ta' Garden Street u qed isir galvanizing tal-ħadid tagħhom.

41.3.17 Is-Sindku spjega kif l-approval tat-trinka tal-Gudja inħareg u mistenni li jinbeda x-xogħol kemm jista jkun malajr.

41.3.18 Is-Sindku rrefera għall-kampanja sabiex ma jittajjrux balloons helium biex jiġi protett l-ambjent. Sar qbil li għandna nissieħbu biex nappoġjaw din il-kampanja

u nitolbu eżatt x'jinħtieg isir minn naħa tagħna.

41.3.19 Is-Sindku spjega kif fil-preżent il-ħaddiema tal-Kunsill huma nvoluti fl-irranġar tal-Belvedere tax-Xatt l-Ahmar. Sar qbil li għandna nsebbħuħ b'madum, bankijiet u bins. Sar qbil li x-xogħol għandu jitkompla permezz tal-ħaddiema tagħna.

## 41.4Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

41.4.1 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi wera d-diżappunt tiegħu ghat-talba li għamilna biex jinqalgħu l-hedges li hemm quddiem il-Gozo Press biex min ikun ħiereg minn Triq J F de Chambray ikollu vista tajba tat-traffiku li jkun niezel minn Triq l-Imgarr. Huwa semma' li wara li għamilna t-talba dawn ġew jittrimjawhom. Dawn jinħtieġ li jinqalgħu kompletament u mhux jiġu trimjati.

41.4.2 Il-kunsilliera Karen Xuereb fakkret fil-ħtieġa ta' patching lit-Triq tax-Xatt l-Aħmar.

## 41.5Korrispondenza u Rapport

41.5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand Maryanne Debono li toqgħod 67, Triq il-Ġnien biex tittranġalha l-bankina minn naħa ta' Triq Bengħazi. Sar qbil li għandna naraw x'jinħtieġ isir u f'liema kundizzjoni tinsab din il-bankina.

41.5.2 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Maryanne Grech biex titneħħa l-*loading/unloading bay* minn Triq J F de Chambray peress li ma għadhiex tintuża. Sar qbil li peress li ma għadha ta' l-ebda uzu għandna nitolbu li titneħħa.

41.5.3 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Janet Bate sabiex issir *communial disabled parking bay* fi Triq Hamri kantuniera ma' Triq Sant'Antnin. Sar qbil li għandna nistennew li ssir Triq Sant'Antnin u mbagħad isir traffic management u tiġi nkluża.

41.5.4 Talba oħra ġiet imressqa mingħand Marita Buttigieg ta' Triq Baħħara sabiex isir *dog litter bin* f'din l-istess triq u wkoll sabiex tinżabar siġra tal-ħarrub li hemm f'din it-triq. Sar qbil li għandna napplikaw biex niżbru s-siġra u naraw inwaħħlux xi bin fl-inħawi.

41.5.5 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Brian Muscat għal bankina ġdida quddiem residenza ġdida fi Triq Baħħara. Sar qbil li għandha ssir applikazzjoni mas-CMU.

41.5.6 Giet trattata l-ispiza li ntelgħet biex issewwiet il-karozza li giet milquta minn

tabella tal-Kunsill dakinhar tal-maltemp tad-9 t'April. L-ispiza ntellgħet għal €500. Sar qbil li l-kunsill għandu jikkumpenssa dan il-ħlas u jkompli jenfasizza mal-Insurance għal kumpens tiegħu.

## 41.6 Tiswijiet fil-Pjazza tad-Dehra

41.6.1 Is-Sindku għamel referenza għan-nuqqasijiet li hemm fil-Pjazza tad-Dehra f'dak li huma dawl u ilma tal-funtana. Huwa talab sabiex b'urgenza tinzamm laqgħa bejn il-partijiet. Huwa rrefera għal stima provduta minn supplier li gie jispezjona x'jinħtieg isir u l-istima biex jinbidel kollox u tahdem kif suppost tintelgħa mas-17000. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandha tinzamm laqgħa bejn il-partijiet kollha nvoluti fix-xogħolijiet u nistħarrgu biex tinstab soluzzjoni. Sar qbil li għandha tinzamm laqgħa nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju fil-5:00pm. Tinzamm laqgħa fejn għaliha jigi mistieden il-Kunsill u l-partijiet kollha.

## 41.7 Monument għall-proġett tat-Taraġ

41.7.1 Sar qbil li għandna noħorgu expression of interest/kompetizzjoni għad-disinn u abbozz ta' monument sabiex jitpogga fil-progett tat-tarag. Sar qbil li l-monument ikun jikkonsisti f'bank u persunaggi li jirrapprezentaw il-ħajja socjali tal-pjazza tal-antik. Sar qbil ukoll li l-idea tista tkun tinkludi wkoll tfajla/tfajjel tilgħab bit-tablet fuq in-naħa l-oħra, fejn kien hemm is-sigra. Sar qbil li għandna nitolbu l-parir tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar kif għandha tinħareg din is-sejħa bi premju.

## 41.8 Kuntratt tal-Għassa tal-Pulizija

41.8.1 Is-Segretarja prezentat id-draft tal-Kuntratt li kien fassal il-Kunsill ta' qabel. Il-Kunsill raha d-draft u qabel dwaru. Sar qbil li għandna ninkludu l-frazi li l-għassa tal-pulizija tintuza għal dak l-uzu biss. Sar qbil li dan id-draft contract għandu jintbgħat lill-pulizija għall-approvazzjoni.

## 41.9 Karnival f'Settembru

41.9.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu fil-Ministeru għal Għawdex rigward l-attivita' li ser tiġi organiżżata l-ewwel darba mill-Ministeru għal Għawdex dik

tal-Karnival tas-Sajf. Din ser tinzżamm fiż-Żewwieqa nhar is-Sibt l-1 ta' Settembru. Ser jinġabu xi karrijiet u anke kumpaniji tal-Karnival Maltin flimkien ma' kumpaniji Għawdxin. Bħala Kunsill jista' jkun li jkollna bżonn ngħinu fil-loġistika u anke tindif.

**41.10Għajnsielemfest**

41.10.1 Sar qbil li Għajnsielemfest '18 għandha tinżamm fuq zewgġ serati, nhar is-16 u 17 t'Awwissu 2018. Sar qbil li l-ewwel serata għandna nsibu band popolari u żżomm kunċert fi Pjazza Indipendenza. Sar qbil li għandna nużaw il-Knisja l-Qadima bħala backdrop u għandna niċċekkjaw mal-Arċipriet jekk isibx oġġezzjoni.

41.10.2 Is-serata tas-17 ta' Awwissu għandha tkun iddedikata għat-talent lokali.

41.10.3Sar qbil li għandna nikkuntattjaw lil band Travellers, Emma Muscat Christabelle u Charles Buttigieg biex ikunu l-mistednin speċjali.

**41.11Tolfarte 2018**

41.11.1 Is-Sindku rrefera għal festival annwali li jsir f'Tolfa bl-isem Tolfarte u għalih inkunu mistiedna bħala Kunsill flimkien ma' delegazzjoni. Għal Tolfarte ta' din is-sena li ser issir bejn it- 3-6 Awwissu, sar qbil li jitilgħu żewġ daqqaqa, Leli Rapa u Loretu Scicluna akkumpanjati mis-Sindku Franco Ciangura u l-Viċi Sindku Kevin Cauchi.

**41.12Approvazzjoni tal-Pagamenti**

40.18.1Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**41.13Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

41.13.1Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju fl-4:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**